**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**
**(Spettur Angelo Gafa')**
**(Spettur Jonathan Ferris)**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs.**

**Lawrence Farrugia**
**Christopher Drago**

Numru: 750/2004

Illum 23 ta' Gunju 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta':

**Lawrence Farrugia**, ta' hamsa u sittin (65) sena, bin Eliah u Liberata neé Mallia, imwieled Gudja fis-17 ta' Lulju 1939, residenti fl-

indirizz: 37, Triq Hal Arad, Tarxien u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 545139(M)

u

**Christopher Drago**, bin Joseph u Antoinette neé Galea, imwieled Msida fit-30 ta' Awwissu 1967, resdenti fl-indirizz: 'Casa Grago', Triq Dun Mikiel Scerri, Attard u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 411867(M)

akkuzati talli:

1. fil-31 ta' Lulju 2003, u fil-gimghat ta' qabel, fis-Siggiewi u fi bnadi ohra f'Malta, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija, jew xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioé sapun tal-hwejjeg tal-marka Dash foloz;

2. fl-istess cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkupjaw jew bieghu, qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta, u cioé sapun tal-hwejjeg tal-marka Dash foloz;

3. fl-istess cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom jew ghal haddiehor, jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, applikaw fuq oggetti jew fuq l-ippakkjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx, jithawwad ma' *trademark* registrata tal-marka Dash;

4. fl-istess cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, u cioé dokumenti prezentati lid-Dwana ta' Malta ghar-rilaxx ta' merkanzija, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu fattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija qabel dan;

6. fl-istess cirkustanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

<u>Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-V.A.T. akkuzati wkoll talli</u>:

7. fis-17 ta' Gunju 2003 u/jew f'xi data qabel, bil-koperazzjoni ta' xulxin xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza billi ssottomettew/jew ittolleraw li jigi sottomess lid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti li bid-dehen taghhom kienu foloz f'dettalji sostanzjali. Il-valur tal-merkanzija in kwistjoni kien ta' Lm5094[1] u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) imhallsa kien ta' Lm764[2]. Peress li l-merkanzija ma kinitx koperta bic-certifikat EUR 1, inzamm depozitu ta' Lm404[3]. Il-merkanzija in kwistjoni giet rilaxxata mid-dwana fit-18 ta' Gunju 2003. Parti mill-imsemmija merkanzija giet maqbuda kif jidher fin-Nota ta' Qbid 18/2004 hawn mehmuza.

---

[1] Ekwivalenti ghal €11,865.83.
[2] Ekwivalenti ghal €1,779.64.
[3] Ekwivalenti ghal €941.07.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija fil-konfront ta' Farrugia u Drago, terz tal-piena tal-flus titqies bhala dejn civili fl-ghoti tas-sentenza bl-istess b'mod bhallikieku nghatat f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati, hekk kif ikkontemplat fil-Proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna ukoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lil Lawrence Farrugia u Christopher Drago ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 14).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 289a *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 290), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2019, lill-imputati Christopher Drago u Lawrence Farrugia jixhdu minn jeddhom u b'mod volontarju (*a fol.* 326 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019, lid-difiza ghan-nom taz-zewg imputati tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha (*a fol.* 343).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mill-Prosekuzzjoni fit-2 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 344 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tad-difiza (*a fol.* 359 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2006, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Cordina** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjega li fis-sajf tas-sena 2003 ircieva informazzjoni kunfidenzjali li f'Malta kien dahal *container* bi trab tas-sapun tal-marka Dash, liema trab tas-sapun kien falz. Jghid li rrizultalu li normalment din id-ditta tigi mportata f'Malta minn V.J. Salomone u jghid li kellem lil Gordon Grima Baldacchino u spjega x'qallu l-imsemmi Grima Baldacchino. Jghid li rrizultalu li l-prodott kien gie impurtat f'Malta fis-16 ta' Gunju 2003 u gie rilaxxat fis-17 ta' Gunju 2003 u li mir-*release order* R53526 kien jidher li l-importatur kien Lawrence Farrugia u li nvolut mieghu kien hemm ukoll Christopher Drago. Iz-zewg persuni gew identifikati bhala l-imputati prezenti fl-awla. Jghid li fit-30 ta' Lulju 2003 baghat ghall-imputati, tahom it-twissija u jghid x'qalulu. Jixhed li fil-31 ta' Lulju 2003 gew migbura madwar sitt mitt xkora minn dan is-sapun fejn f'kull xkora kien hemm hames boroz tal-plastik ta' 2.97kg il-wiehed minn dan it-trab, kollha mmarkati Dash fil-borza ta' gewwa. Jghid li l-borza ta' barra kienet borza bajda tan-*nylon* minghajr ebda marka. Jixhed li dawn gabarhom mill-garaxx bl-isem "Frankie Garage" li jinsab fi Triq Salvu Curso, Siggiewi fejn qal li kienu qed jinzammu hemmhekk ghall-imputat Drago minn certu Antoine Cassar. Jixhed li l-boroz gew mehuda kollha d-Depot fil-prezenza tal-imputat Drago u nharget ricevuta. Jghid li kompla jaghmel xi stharrig u li ngabru numru ta' boroz ohra anke minn ghand l-imputat Farrugia u meta beda jaghmel stharrig dwar id-dokumenti li tah Farrugia u cioé tal-kumpanija b.v. Rotterdamsche Producten Mij ta' International Distributors of Consumer Products,

Alkmaardermeer 37 3068 KL Rotterdam bin-numru tat-telefon 31102200299 u *fax* 31102554446 sab li n-numru tat-telefon ma jghajjatx lil din il-kumpanija izda jghajjat lill-kumpanija bl-isem ta' World Export Service. Sab li n-numru tal-*fax* kien kompletament zbaljat u sab ukoll li l-indirizz postali kien ukoll zbaljat. Jghid li ghamel kuntatt fuq in-numru 31102200299 u kkomunika maghhom (ma' World Export Service) permezz tal-*fax* fejn staqsiehom jekk kellhomx negozju hawn Malta mal-imputati u baghatilhom kopji tad-dokumenti li gew mghoddija lilu mill-imputat Farrugia u dawn qalulu li ma kellhom l-ebda negozju f'Malta u li ma kienu esportaw l-ebda prodott. Jghid li ghamel l-istess mal-kumpanija b.v. Rotterdamsche Producten Mij u dawn irrispondewh lura permezz ta' *fax* u kkonfermawlu li ma kellhom l-ebda konnessjoni kemm mal-imputati kif ukoll mal-prodotti tat-trab tas-sapun li seta' gie esportat lejn Malta. Spjega li kompla jindaga mal-kumpanija V.J. Salomone Ltd, ma' Gordon Grima Baldacchino fejn ikkonfermalu li l-prodott huwa registrat Malta u li l-*parent company* hija *Procter & Gamble* u li tah (lill-iSpettur) forma ta' kwerela. Ezebixxa l-kwerela (Dok. "JC" – *a fol.* 32 *et seq.*), stqarrija tal-imputat Farrugia (Dok. "JC 1" – *a fol.* 42 *et seq.*), stqarrija tal-imputat Drago (Dok. "JC 2" – *a fol.* 44 *et seq.*), *fax* ricevuta minn b.v. Rotterdamsche Producten Mij (Dok. "JC 3" – *a fol.* 46), risposta ricevuta minn World Export Service (Dok. "JC 4" – *a fol.* 47), konferma minn ghand il-Comptroller of Industrial Property (Dok. "JC 5" – *a fol.* 48), *release order* u numru ta' dokumenti ohra (Dok. "JC 6" – *a fol.* 49 *et seq.*), zewg ricevuti tas-sapun li hu ha minn ghand l-imputat Farrugia (Dok. "JC 7" – *a fol.* 53 *et seq.*), ricevuta moghtija lill-imputat Drago (Dok. "JC 8" – *a fol.* 55). Bhala Dok. "JC 9" gew ezebiti formalment is-sapun.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2006, xehed ukoll **Paul Scicluna** (in rapprezentanza tal-VAT – *a fol.* 56 *et seq.*) fejn ipprezenta bhala Dok. "VAT" (*a fol.* 58) *Letter to Prosecute* datata 14 ta' Lulju 2004 li hija ffirmata minnu f'isem il-Kummissarju tal-VAT u mahruga fil-konfront ta' Lawrence Farrugia u Christopher Drago.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2006, xehed ukoll **Paul Dimech** (in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana – *a fol.* 59 *et seq.*) fejn

ipprezenta s-segwenti: *Letter to Prosecute* datata 10 ta' Gunju 2004 kontra Lawrence Farrugia u Christopher Drago (Dok. "D" – *a fol.* 61), il-proviso tat-terz tad-dejn civili (Dok. "D1" – *a fol.* 62) u s-*seizure note* (Dok. "D2" – *a fol.* 63).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Frar 2006, xehed ukoll **Gordon Grima Baldacchino** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Manager* ma' V.J. Salomone Marketing. Meta gie muri Dok. "JC" (*a fol.* 32 *et seq.*) qal li din hija ittra mill-avukat taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija rigward prodott li kien instab fis-suq Malti. Jghid li gie mitlub li jigu nvestigati l-prodotti u l-kontenut tal-prodotti peress li kellhom *statements* tal-esperti barranin ta' *Procter & Gamble* li dak il-prodott in kwistjoni kien *counterfeit.* Meta gie mistoqsi mill-Qorti kif diversament preseduta ghala kien hu (Grima Baldacchino) li kien qed jikkonferma l-kwerela u mistoqsi jghid x'kien il-kompitu tieghu fi hdan il-kumpanija, wiegeb li huwa *Sales Manager* ma' V.J. Salomone u li *Procter & Gamble* hija d-ditta li tirraprezenta l-*brand* Dash li nkarigatu bi prokura. Jghid li fuqu ma kellux din il-prokura pero' qal li seta' jipproducieha. Meta nghad lilu mill-Prosekuzzjoni li mad-dokumenti li gew moghtija lill-Pulizija hemm *confidential report* u mistoqsi jghid dan x'inhu, wiegeb li dan huwa rapport li huma talbu lil *Procter & Gamble* (peress li huma jimmanifatturaw il-prodott Dash) sabiex jaghtuhom *expert opinion* tal-prodott. Jghid li tnejn minn nies ivverifikaw il-prodott, fejn mentri wiehed ghamel *assessment* fuq il-*packaging,* l-iehor ezamina t-trab innifsu u fejn gie kkonfermat li l-*packaging* ma kienx konsistenti mal-*packaging* taghhom ghal diversi ragunijiet ghax hemm certu *safety features* li jkollhom fil-prodott huma stess u setgha jaghrafhom u fejn irrizulta wkoll li minn *assessment* li sar fuq il-kontenut tal-*powder* li jidher car li ghal certu ragunijiet li huma mnizzlin li ma humiex konformi mal-prodott Dash. Jghid: *"Ahna elevajna sample minn fuq is-suq, xtrajna prodott minn go hanut u baghtnihulhom biex jivverifikawh"* (*a fol.* 66). Ghad-domanda tal-Qorti kif diversament preseduta: *"Intom is-sample li bghattu huwa dak li xi hadd minnkom mar jixtri mis-suq, naqblu?"* (*a fol.* 66), wiegeb: *"Iva u pprezentajna wiehed bhalu wkoll"* (*a fol.* 67). Ghal domanda ohra tal-Qorti kif diversament preseduta: *"Sample lill-esperti taghkom minn dak li l-Pulizija issa elevat minn ghand l-akkuzati bghattulhom jew le?"* (*a fol.* 67), wiegeb: *"Le"* (*a fol.* 67).

**Gordon Grima Baldacchino** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' April 2009 (*a fol.* 172 *et seq.*) fejn ezebixxa prokura li giet immarkata bhala Dok. "GGB" (*a fol.* 175 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' April 2006, xehed **PS 130 Ivan Cilia** (*a fol.* 71 *et seq.*) fejn ghamel riferenza ghal Dok. "JC 3" (*a fol.* 53) u qal li din hija ricevuta li huwa hareg lill-imputat Farrugia meta gew elevati ghoxrin borza tat-trab Dash. Spjega wkoll li fil-31 ta' Lulju 2003 gew elevati hames mija u tmienja u disghin xkora tat-trab Dash li jghid li kienu jappartjenu lill-imputat Drago. Mistoqsi mill-Qorti jghid kif irrizultalu ta' min kienu, wiegeb: *"L-informazzjoni li tani l-istess Spettur"* (*a fol.* 72).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' April 2006, xehdet ukoll **WPC 249 Maruska Debattista** (*a fol.* 73 *et seq.*) fejn giet murija Dok. "JC 8" (*a fol.* 55) u qalet din hija ricevuta li harget hi wara li kienet ghaddiet is-sapun fil-prezenza tal-imputat Drago.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' April 2006, xehed ukoll **John Richards** (in rapprezentanza ta' *Industrial Property Registration Directorate – a fol.* 76 *et seq.*) fejn ezebixxa certifikati tat-*trademark* ta' Dash, wiehed lokali u tnejn *community trade marks*. Dawn gew immarkati bhala Dok. "R" (*a fol.* 78), "R1" (*a fol.* 79 *et seq.*) u Dok. "R2" (*a fol.* 83 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed **Martin Bajada** (*a fol.* 94 *et seq.*) fejn qal li in segwitu tan-nomina tieghu fit-3 ta' Frar 2006 fejn gie nkarigat jaghmel ezami komparattiv fuq il-*packaging* ta' prodott ezebiet fil-kawza, li jghid kien trab tal-hasil Dash, gabar il-kampjuni li kellu bzonn u jghid li gab l-*artwork* originali tieghu minn barra. Jispjega li minkejja li l-*artwork* li hemm fuq il-prodott ezebiet huwa l-istess bhall-*artwork* originali, il-*packaging features* m'humiex. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn ikkonkluda s-segwenti:

> *"4.1 Illi, mill-informazzjoni miksuba mir-ricerka li saret ma' Procter and Gamble, kif ukoll l-analizi komparattivi bejn dina l-informazzjoni mal-kampjun ta' DOK JC 9*

*(DOK. MB 1) u l-kampjuni DOK MB 2 u DOK MB 3, jirrizulta li l-packaging tal-prodott esebit bhala DOK JC 9, ghalkemm ghandu l-artwork originali tal-prodott DASH, ma ghandux il-packing features tal-prodott originali.*

4.2 *Illi, dawn il-packaging features jintuzaw minn Procter and Gamble, fuq il-packaging tal-prodott DASH – B10 tal-2,970kg, u bdew jintuzaw minn tal-anqas mis-sena 2001, sal-gurnata tal-lum.*

4.3 *Tant l-esponenti ghandu x'jissottometti f'dan l-istadju ghall-gudizzju ghaqli u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti"* (*a fol.* 99).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-16 ta' April 2015 (*a fol.* 285 *et seq.*) meta gie mitlub jikkonferma bil-gurament jekk ghamilx dak li hemm imnizzel taht it-titlu "Analizi" (*a fol.* 97 *et seq.*) fir-rapport tieghu, wiegeb: *"Ifhimni, la ktibu u ffirmajt ghalih zgur li ghamilt hekk"* (*a fol.* 286). Meta gie mistoqsi dwar dak li jirrizulta taht it-titlu "Provi" (*a fol.* 97), specifika li huwa gab aktar provi indipendentement minn dak li kien tah l-iSpettur Cordina.

Difiza: *"Jigifieri kull fejn qed nara gie kampjun minn ghand V.J. Salomone, gie kampjun minn supermarket lokali, gie kampjun m'ghand Procter & Gamble hawn huma provi li just gew mghoddija lilek informalment, waslu fil-pussess tieghek u wzajthom ghal finijiet ta' din ir-relazzjoni nformalment?"*

Xhud: *"Le formali ghax jekk jien tlabt xi haga jew ghamilt xi haga ghamiltha fl-ambitu tieghi bhala l-espert tal-Qorti".*

Difiza: *"Mela ha nispjega ruhi, meta nghid informalment ma sarux fl-ambitu ta' seduta, ta' perizja fejn inti gew quddiemek il-persuni u bil-gurament li gie amministrat*

*lilhom dawn ezebew dokumenti godda fl-atti tal-kawza?".*

Xhud: *"Le jekk inti tiehu l-prodott li xtrajt jien ma nahsibx li kelli ghalfejn…".*

Difiza: *"Ok ghax dak li stajt tikkonfermah bil-gurament tieghek stess".*

Xhud: *"Jekk jiena gbart kampjun minn ghand V.J. Salomone, jien ovvjament tlabthom jaghtuni kampjun u jien ma qghadtx fuq x'jghiduli huma, jiena jekk inti tinnota gbart iktar minn oggett wiehed biex jien inkun nista' naghmel verifika indipendentement minn dak li jista' jaghtini xi hadd".*

Difiza: *"Pero' inti kont konxju tal-fatt illi V.J. Salomone u Procter & Gamble fil-fatt huma kwerelanti f'din il-procedura?".*

Xhud: *"Iva ghalhekk jiena ma qghadtx fuqhom biss u xtrajt iehor".*

Difiza: *"Kollox sew, id-domanda li qed naghmel jien hija li sa fejn hemm riferenza ghal dawn il-provi godda akkwiziti b'dan il-mod dawn gew akkwiziti minghajr il-formalita' tas-seduta tal-perizja?".*

Xhud: *"Jekk huma gew..".*

Difiza: *"Gew rikjesti sample u pprovdewh".*

Xhud: *"Ejja naghmlu hekk, sa fejn naf jien ma kellix awtorizazzjoni biex nisma' xhieda".*

Difiza: *"Lanqas kont awtorizzat, inti l-mansjoni tieghek kienet limitata biex taghmel analizi teknika".*

Xhud: *"Jiena l-analizi tieghi kieku ridt naghmlu fuqm (?!), ma stajtx naghmlu jekk ma kienx ikolli dawk l-affarijiet"* (*a fol.* 287-288).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed ukoll l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 123 *et seq.*) fejn qal li kien gie appuntat mill-Qorti sabiex jaghmel analizi komparattiv bejn trab u trab u spjega ghala ma setax jaghmel dan l-ezami komparattiv. In segwitu ta' dak li qal, il-Qorti kif diversament preseduta rrevokat l-inkarigu moghti lilu.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed ukoll **George Agius** (*a fol.* 125 *et seq.*) fejn qal li huwa fizzjal tad-dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar. Jghid li gie mqabbad mis-superjuri tieghu biex jigbor id-dokumentazzjoni tad-dwana kif dahal fl-importazzjoni tieghu l-merkanzija. Mistoqsi jghid jekk irrizultalux xi haga, wiegeb li x-xoghol kien diga rilaxxat u li hu gabar id-dokumenti mill-arkivji taghhom li kien baqa' wara li sar jaf li l-original kien gabarhom l-iSpettur Cordina. Meta gie muri Dok. "JC 6" (*a fol.* 49 *et seq.*) qal li dan huwa d-dokument li juri li gie rilaxxat ix-xoghol imsemmi. Jghid li dakinhar hu ma kienx l-ufficjal inkarigat u li dakinhar kien hemm il-fizzjali tal-i*stripping shed*.

In <u>kontro-ezami</u> qal li xoghlu huwa dak ta' fizzjal fl-Infurzar tad-Dwana u li fis-sena 2000 gie nkarigat jispecjalizza fl-Att 8 tas-sena 2000 rigward l-intelletwalita' dwar il-proprjeta' tal-*cross border*. Mistoqsi jghid xi jfisser meta jghid li jkun hemm xi xoghol ghal *stripping*, wiegeb: *"stripping jigifieri vverifikat u ccekkjat ix-xoghol iktar b'reqqezza"* (*a fol.* 127). Ikkonferma li x-xoghol li qed jixhed dwaru, l-ewwel sar l-i*stripping* u mbaghad gie rilaxxat. Jixhed li l-marka Derh dak iz-zmien kienet ghadha mhix registrata ghall-attenzjoni taghhom u li huma f'dak il-kaz jitrattaw l-affarijiet b'mod differenti ghal meta jkun hemm applikazzjoni. Jghid ukoll li l-fizzjal li jkun qed jirrilaxxa dan it-tip ta' natura ta' xoghol ghandu direzzjoni x'ghandu jaghmel u d-dokument minn ghand min ikun ffirmat u ttimbrat minn awtoritajiet esteri mid-dwana. Ghad-domanda: *"Jigifieri minn naha tad-dwana, irregolaritajiet fid-dokumentazzjoni sibtu?"* (*a fol.* 128), wiegeb: *"Ma nistax nghidlek. Jiena kelli l-ordni li*

*nigbor dokumenti biss. Rigward konkluzjoni ma kontx f'pozizzjoni li nista' nirrispondik fuqha"* (*a fol.* 129).

In ri-ezami qal li ma kienx prezenti ghall-i*stripping*. Jixhed li ma jistax jikkonferma jekk sarx *stripping* jew le.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed ukoll **Emanuel Bonnici** (*a fol.* 130 *et seq.*) fejn qal li huwa *Principal Officer* fid-dwana. Meta gie muri Dok. "JC 6" (*a fol.* 49 *et seq.*) qal li dan huwa *release order* li jigi pprezentat meta l-agent jigi biex jirtira merkanzija mid-dwana, f'liema dokument ikun hemm dettalji tal-affarijiet u l-hlas. Spjega x'gie rilaxxat fit-18 ta' Gunju 2003 lil Lawrence Farrugia u ndika l-firma tieghu (ta' Bonnici) u l-firma ta' Michael Cutajar. Spjega wkoll x'inhuma d-dokumenti l-ohra annessi ma' Dok. "JC 6" (*a fol.* 49 *et seq.*). Jghid li jiftakar li kien mar il-burdnar li jgib dawn il-karti kollha u jara li jkollu pass u jiccekkjaw ix-xoghol.

In kontro-ezami jghid li ghar-rilaxx ta' din il-merkanzija partikolari kien hu u Michael Cutajar li rrilaxxawha. Jghid li huma jaraw u jiccekkjaw ix-xoghol fizikament. Jispjega li f'dan il-kaz kien hemm *stripping* u ghad-domanda jekk *stripping* iridx isir dejjem fuq prodotti bhal dawn, wiegeb fin-negattiv, peró jghid li jsiru *spot checks*. Jghid li d-dwana ma sabitx irregolaritajiet, lanqas ghall-finijiet ta' dokumentazzjoni. Jispjega li f'dan il-kaz kien Dash tal-boroz u li l-kunsinna kienet wahda fejn specifika li kien *container* wiehed. Ghad-domanda jekk dawn il-boroz li ra kienux kollha l-istess boroz, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid jekk wara ttehidtx *sample* biex jigi ezaminat il-prodott ta' gewwa, wiegeb fin-negattiv. Jghid li rrizulta li f'dan il-kaz id-dazju kien thallas. Fir-rigward tad-dokumenti li semma qabel qal li dawk hadhomlhom il-burdnar. Ghad-domanda: *"Jigifieri ghall-finijiet tad-dokument li hija release order, id-dikjarar ta' l-informazzjoni, min qed jaghtikom din l-informazzjoni, ghalikom huwa Angelo Farrugia?"* (*a fol.* 140), wiegeb: *"Angelo Farrugia d-declarant"* (*a fol.* 140). Qal ukoll: *"Il-burdnara ghandhom il-licenzja li dan jista' agent jew hu min hu importatur, jaghtihom lill-burdnar u ghandu licenzja burdnar li jagixxi ghan-nom tieghu"* (*a fol.* 140). Ghad-domanda: *"Jekk jigi burdnar ghandkom u jghidilkom "jiena qieghed ghan-nom ta' dak l-agent", intom verifika ma' l-*

*agent biex taraw li dak li qed jghid il-burdnar huwa minnu taghmluhom?"* (*a fol.* 140), wiegeb: *"Le"* (*a fol.* 141). Ghad-domanda: *"Naqblu li ma taghmluhomx ghaliex fil-fatt il-burdnar qed jassumi responsabilita' hu ta' dak li jkun qed jiddikjara, naqblu?"* (*a fol.* 141), wiegeb: *"Izgur ghall-fini tad-dwana jassumi r-responsabilita' l-burdnar"* (*a fol.* 141).

In <u>ri-ezami</u> ikkonferma li waqt il-hatt fl-i*stripping shed* bdew jizolqu u marru jhottuhom xi mkien iehor. Jghid li marru Haz-Zebbug u mistoqsi jghid min kien hemm prezenti, wiegeb: *"Insejt min kien hemm pero' l-burdnar ovvjament dan Anglu ghax nafu u kien hemm iehor"* (*a fol.* 142). Mitlub ihares fl-awla u mitlub jara jekk jaghrafx lil xi hadd, wiegeb li ma kien qed jaghraf lil hadd.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed ukoll **PC 730 Raymond Vella** (*a fol.* 143 *et seq.*) fejn qal li fit-30 ta' Lulju 2003 kellu struzzjonijiet mill-iSpettur Cordina biex imur mal-imputat Farrugia u jaghmillu tfittxija ghal xi trab abjad tal-hasil tad-Dash fejn minn gol-fond 191, Triq San Anard, Tarxien eleva xkora bajda bi trab tal-hasil kif ukoll hames pakketti ohra tal-marka Dash. Jghid li dawn hadhom mieghu fl-ufficju flimkien mal-imputat Farrugia ghal iktar investigazzjoni.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li t-tfittxija saret go hanut bl-isem ta' Skippy. Jghid li Farrugia qallu li l-ixkora bajda kien diga lahaq hallatha ma' xi trab iehor tal-hasil. Jghid li l-ixkora bajda ma kellhiex isem fuqha u li l-hames pakketti l-ohra kellhom il-marka tad-Dash fuqhom.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2012, xehdet **Dr. Daphne Dodebier** (*a fol.* 235) fejn ezebiet bhala Dok. "DD" (*a fol.* 237) it-traduzzjoni tal-ittri rogatorji mil-lingwa Olandiza ghal dik Maltija.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2019, xehed l-imputat **Christopher Drago** (*a fol.* 326 *et seq.*) fejn qal li fiz-zmien tal-kaz odjern xoghlu kien dak li jgib it-*televisions*, il-*videos* u l-hi-fi. Spjega li certu Alessio Schembri u Norman Spiteri, li ghall-ewwel jghid *"dan kien hemm habib tieghi"* (*a fol.* 326), li kienu jgibu s-sapun minn barra u kienu jafu li z-ziju tal-mara tieghu (ta' Drago) certu Tony Pavone li kellu fabbrika tas-sapun bl-isem ta' *Amore Mio* u staqstewh (lil Drago)

jekk kellux xi hadd interessat. Jghid li huwa (Drago) kien jaf ukoll lill-imputat l-iehor Farrugia. Jghid li dawk iz-zewg persuni li semma qalulu li ghandhom manifattur li ghandu materjal li jista' jinhadem bhal sapun biex jigi ppakkjat. Jixhed: *"Issa mbaghad li gara hu jien ghidtlu "mela niltaqghu" u dan huwa bniedem minn barra qieghed hawn gie maghhom Olandiz kien niftakar ghax ilu hafna u qalli: "tridx niltaqghu mieghu mela u naraw jekk hux interessat fix-xoghol?", u ltaqjna mas-Sur Lawrence Farrugia u dan qallu: "Jien interessat", ghax dan kien packer ukoll, kellu fabbrika bhala Skippy Products. Li nista' nghid hu mbaghad speci dan urina xi samples u hekk u ma ordnax Dash"* (*a fol.* 328). Jghid li ordna sapun biex jigi ppakkjat. Mistoqsi jghid jekk dan is-sapun gabuhx Malta, wiegeb li gie mpurtat f'isem l-imputat Farrugia u hadlu hsieb hu (Drago). Mistoqsi jghid min effettivament gab dan is-sapun, wiegeb li gabu Norman Spiteri. Jghid li d-dokumenti taghhom qatt ma rahom u li kull ma tah kien depozitu tal-flus. Jghid li hu (Drago) kien ta cekk lil Norman Spiteri u mistoqsi jghid ta' kemm kien dan ic-cekk, wiegeb li nesa peress li kien ghadda z-zmien. Jghid li hekk kif tah id-depozitu, intbaghat ix-xoghol li rrizulta kien xoghol differenti u li ntbaghat sapun differenti. Mistoqsi liema xoghol intbaghat, wiegeb li ntbaghat it-trab bl-isem Dash, cioé dak li kien uriehom is-*sample* tieghu. Jispjega li l-*container* infetah u kienu marru tad-dwana u ccekkjawh. Jixhed: *"Issa dak iz-zmien suppost kif suppost skont ir-regolamenti li naf jien, ried jiehu sample tad-dwana li tad-dwana hadu s-sample, jaghtih lil avukati ta' Salomone"* (*a fol.* 329) peress li kienu l-agenti. Ikompli jixhed: *"u jekk jghaddu wiehed u ghoxrin gurnata u ma jiktibx lura lid-dwana li dan fih xi haga, dan jista' jigi jinbiegh"* (*a fol.* 329-330). Jghid li ma gara xejn minn dan. Ghad-domanda jekk semghux minn xi hadd wara li marru tad-dwana u hadu l-kampjuni, wiegeb: *"Minn ghand hadd u ahna x-xoghol Skippy hallih go mahzen"* (*a fol.* 330). Jghid li l-mahzen jinsab go Haz-Zebbug u li meta jirreferi ghal "Skippy" jirreferi ghall-imputat Farrugia. Jghid li x-xoghol ma kienx inbiegh u jghid ukoll li qal lill-imputat Farrugia biex javvicinaw lill-agent Salomone li jghid kienu fl-istess skola mieghu. Jispjega li l-imputat Farrugia qallu li hu kien jiftah il-boroz biex ma jkollhomx problema jekk Salomone ma jiehdux, jitfghu got-tankijiet u jbieghu bhala *powder loose* mhux bit-tabella Dash biex ma jinholoqx kunflitt mal-agenti. Jghid li sadanittant mar Norman Spiteri u qallu (lil Drago)

biex ihallsu tal-kumplament u hu (Drago) qallu li dak ma kienx ix-xoghol li ordna Farrugia u qallu li ma kienx ser ihallsu u li jew jiehdu lura jew inkella jara x'ha jaghmel. Jghid li Norman Spiteri ghamillu mandat u spicca kellu jhallsu (Drago lil Spiteri). Mistoqsi jghid kemm hallsu, jghid li ma jiftakarx u jghid ukoll li t-total jinsab fuq il-karta tad-dwana. Jispjega li meta hallas lil Spiteri, il-kawza odjerna kienet ghadha ma bdietx. Jixhed li meta baghat ghalih l-iSpettur Cordina, Norman Spiteri u Alessio Schembri kienu hemm. Jghid li ttiehdu passi kontra tieghu u ta' Farrugia. Mistoqsi jghid x'qallu Spiteri wara li ra lil Spiteri ghand il-Pulizija, wiegeb li ma kellmux aktar.

In kontro-ezami ghad-domanda fuq min kienu d-dokumenti biex jingieb dan ix-xoghol wiegeb li kienu fuq isem Skippy Products, li jghid huwa l-imputat Farrugia. Mistoqsi jghid min mar id-dwana b'dawn id-dokumenti sabiex ikun jista' jidhol dan ix-xoghol, wiegeb: *"Ara hu hadhom ghax ma jridx jurina minn fejn gej ezatt sewwa dan is-Sur Norman Spiteri. Hadhom ghand is-shipping agent u s-shipping agent talbuni cheque vojt biex jimlieh biex ikun jista' jghaddi l-karti"* (*a fol.* 333). Jghid li Spiteri ma riedx juri minn fejn gie ix-xoghol. Ikkonferma li hu (Drago) kien prezenti ma' tad-dwana meta gie biex jinfetah il-*container*.

| | |
|---|---|
| Prosekuzzjoni: | *"U d-dokumenti kienu ghandek f'isem"* |
| Xhud: | *"Le kienu ghand l-agent gie bihom speci biex"* |
| Prosekuzzjoni: | *"Imma dak il-hin tajthom bhala dokumenti inti meta mort qieghed ma' tad-dwana?"* |
| Xhud: | *"Iva rajthom rajthom ehe rajthom iva u hallasna hux jigifieri"* (*a fol.* 334). |

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2019, xehed ukoll l-imputat **Lawrence Farrugia** (*a fol.* 335 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien Direttur tal-kumpanija bl-isem Skippy Products. Jghid li gie kkuntatjat mill-imputat Drago u li lil Drago qallu li hu (Farrugia) kien juza hafna sapun u Drago qallu li hemm prospett li sejjer xi hadd u jista' jaghtih sapun tajjeb. Mistoqsi jghid min mar, jghid li jaf li kien Olandiz li ma jiftakarx x'jismu u li tah ismu (lil Farrugia), ghamlu l-kuntatt u baghtu xi sapun. Jghid li hu tkellem ma' Drago u mal-

Olandiz. Spjega li x-xoghol ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li kien ordna hu (Farrugia) peress li hu ma jbieghx xoghol ippakkjat. Jghid li kien jaghmel boroz kbar trasparenti u jbiegh lil *laundries* u mhux fil-hwienet. Jispjega li hu ma bieghx gramma fil-hwienet u ma kellux x'jaqsam mal-hwienet. Jixhed li dan kien ser jigih jiswa' wisq u jispjega ghala. Mistoqsi jghid x'gara meta gie dan ix-xoghol, wiegeb li marru l-Pulizija. Jghid li l-Pulizija staqsewh jekk kienx dahhal xi xoghol u wiegeb fl-affermattiv u l-Pulizija qallu li kien ser jehodulu pero' dakinhar ma hadux u rega' dar (il-Pulizija) u qallu biex jiskuzah u qallu li milli qalu ma kien hemm xejn u halla s-sapun hemm. Jghid li dan gara fil-gurnata tal-Gimgha pero' t-Tnejn marru ghal dan ix-xoghol. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx lil min kellem aktar izjed fuq is-sapun, apparti lil Drago u lil Olandiz, wiegeb: *"Li kellimt suppost li hu rapprezentant ta' min baghat ix-xoghol imma jien dan il-bniedem ma rajtux b'ghajnejja iktar pero' l-bicca xoghol timbarazzani jien, jien dan in-nies qatt ma xtrajt xejn minn ghandhom u ma jafuniex. Kif gie bl-indirizz tieghi dan?"* (*a fol.* 336). Mistoqsi ghal min qed jghid, jghid li hu lill-imputat Drago jaf.

In <u>kontro-ezami</u> meta nghad lilu li hu u Drago ftehmu ma' dan l-Olandiz, ghad-domanda fejn ftehmu li ha jmur ix-xoghol jekk kienu ser jixtru x-xoghol huma, wiegeb: *"Lanqas ghaddiet minn mohhi dik kif ser jasal, mhux is-soltu jien fhimt"* (*a fol.* 337). Ikkonferma li meta jixtri xi haga jixtriha biex tasal ghandu. Jixhed: *"Jien ma stajtx naghmel mod iehor ser ntih dan biex ikun ta' x'jismu ghalija fhimt jigifieri jien dan ma nafx kif baghtni, l-iehor dahak bija kif qed nifhimha jien"* (*a fol.* 338). Jghid li qed jirreferi ghall-Olandiz. Mistoqsi jghid jekk bieghx minn dan ix-xoghol, wiegeb: *"Le xejn lanqas irnexxieli xejn. L-ewwel nett ma stajtx dak u jien ma hallast xejn zero ghax jien ma ridtx dan ha jigini ghali biex naghmlu"* (*a fol.* 338). Mistoqsi jghid jekk meta wasal dan ix-xoghol jafx jekk kienx sar bejgh tieghu, wiegeb: *"Ma nahsibx jekk inhu kif gie lili ghax ma nafx jien ma nistax nghidlek onestament ma nistax nghidlek"* (*a fol.* 338).

**Ikkunsidrat**

Illi mit-traduzzjoni (Dok. "DD" – *a fol.* 237) tal-ittri rogatorji jirrizulta s-segwenti. Jirrizulta li s-socjeta' B.V. Rotterdamsche

Producten Maatschappji ghandha l-ufficju registrat taghha f'Rotterdam. L. van Woerkom iddikjara li qatt ma esporta lejn Malta t-trab tal-hasil Dash u ddikjara wkoll li d-dokumenti murija ma nhargux minn b.v. Rotterdamsche Producten Maatschappji. Lennart van Woerkom qal li huwa direttur tas-socjeta' Rotterdamsche Producten Maatschappji B.V u li ilu jahdem hemm mis-sena 2000. Jghid li fis-sena 2003 kien ukoll direttur. Mistoqsi jghid kemm-il darba tul is-sena 2003 gie esportat it-trab tal-hasil, wiegeb li f'dak il-perjodu qatt ma gie esportat trab tal-hasil. Jghid li ma kellhom l-ebda involviment mat-trab tal-hasil tad-ditta Dash li tigi esportata lejn Malta. Jixhed li qatt ma kellhom negozju ma' Skippy Products, registrat f'Malta. Meta gie muri dikjarazzjoni rigward Dash, wiegeb li dan m'huwiex dokument ufficjali li tuza l-kumpanija tieghu. Jispecifika li l-*header* tad-dokument fejn tidher isem il-kumpanija hija ferm differenti minn dik li huma juzaw fuq id-dokumenti taghhom u dan apparti li l-indirizz u n-numru tat-telefon m'humiex korretti u li lanqas qatt ma kellhom ufficcju f'dak l-indirizz. Jghid li gharaf l-isem tal-persuna li ffirmat id-dokument, fejn qal li l-isem Bageijn ifakkru f'kumpanija li gieli jkollhom relazzjonijiet kummercjali maghhom, jew ahjar kellhom. Jghid li dik il-kumpanija jisimha WES u ghandha l-ufficju taghha f'Rotterdam. Jghid li vverifika li n-numru tat-telefon u n-numru tal-*fax* li jidhru fuq id-dokument jaqblu mal-informazzjoni li huma ghandhom dwar dik il-kumpanija. Jghid li anke l-kodici postali huwa tajjeb ghad-ditta WES, li jghid tfisser *World Export Service*. Meta gie muri t-tieni dokument, cioé *invoice* qal li dan ghandu l-istess *header* li kellu l-ewwel dokument u lanqas huwa taghhom. Dwar it-tielet dokument, qal li lanqas dan ma huwa taghhom. Qal li t-tliet dokumenti huma foloz. Mistoqsi jghid kif ikunu jidhru certu dokumenti meta l-kumpanija tieghu tohroghom, wiegeb li l-*layout* ikun kompletament differenti. Meta gie muri *fax* li ntbaghtet mill-kumpanija tieghu lill-Pulizija ta' Malta, wiegeb li din il-*fax* verament intbaghat mill-kumpanija tieghu u li l-*fax* intbaghtet ghannom tieghu. Ma jiftakarx il-kaz imma jghid li dan il-*fax* huwa ffirmat minnu. Jghid li ukoll li meta hares fid-*dossier* li ghandhom dwar id-ditta WES, anke huma juzaw *layout* differenti. Jahseb li fid-dokumenti li gie muri sar *copy u paste* u jidher li xi hadd abbuza minn zewg kumpaniji maghrufa li ghandhom isem tajjeb fl-esteru.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati, il-Qorti tinnota li jkun opportun li taghmel riferenza ghall-mistoqsijiet/interrogatorju *ossia* l-ezami li l-Qorti hija obbligata li taghmel lill-imputat f'kawza wara li l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza jkun ipprezenta u qara bil-gurament l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat fil-kawza in kwistjoni. Il-mistoqsijiet *ossia* l-ezami tal-imputat jemanu minn Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu dak li **jidhru** li huma l-ezami ta' Lawrence Farrugia (*a fol.* 11) u l-ezami ta' Christopher Drago (*a fol.* 12). Minkejja li fl-ezami msemmi taz-zewg persuni msemmija hemm ir-risposti ghal kull domanda li **jidher** li saret u minkejja li hemm ukoll firma fuq il-kelma "Skrivan" u firma fuq il-kelma "Magistrat", pero' fuq l-ezami msemmi (*a fol.* 11 u 12) ma hemm l-ebda data miktuba.

Illi ll-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li f'dan l-istadju taghmel elenku ta' dak li jirrizulta fl-ewwel pagni tal-atti processwali:

- *a fol.* 1 sa 3: Citazzjoni;
- *a fol.* 4 u 4a Estratt mill-atti tat-twelid taz-zewg imputati;
- *a fol.* 5 sa 10: Fedina penali taz-zewg imputati;
- *a fol.* 11 u 12: Ezami kif imsemmi hawn fuq;
- *a fol.* 13: Verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19 ta' Novembru 2004, f'liema seduta ma sar xejn b'mod konkret u fejn hemm firma fuq isem id-Deputat Registrat B. Mifsud;

- *a fol.* 14: Kunsens tal-Avukat Generali ghal procedura sommarja;

- *a fol.* 15: Riferta;

- *a fol.* 16: Verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fit-23 ta' Frar 2005, f'liema seduta ma sar xejn b'mod konkret u fejn id-Deputat Registratur jidher li kienet Sue Fenech (l-isem B. Mifsud gie kancellat);

- *a fol.* 17: Verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fit-13 ta' Mejju 2005, f'liema seduta ma sar xejn u fejn hemm firma fuq isem id-Deputat Registrat B. Mifsud;

- *a fol.* 18: Rikors ghal differment;

- *a fol.* 19: Verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fit-22 ta' Lulju 2005, f'liema seduta ma sar xejn b'mod konkret u fejn hemm firma fuq isem id-Deputat Registrat B. Mifsud;

- *a fol.* 20: Rikors ghal differment;

- *a fol.* 21: Verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fil-25 (in-numru "23" gie maqtugh minghajr l-ebda firma magenbu) ta' Novembru 2005, liema seduta giet differita fuq ordni tal-Qorti kif diversament preseduta u fejn fuq isem id-Deputat Registrat John Muscat m'hemm l-ebda firma;

- *a fol.* 22 u 23: Verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fit-3 ta' Frar 2006, f'liema verbal hemm imnizzel, fost l-

ohrajn, min deher, hemm imnizzel ukoll li l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-imputazzjonijiet u hemm imnizzel ukoll li sar l-interrogatorju tal-imputati. F'dan il-verbal hemm firma fuq isem id-Deputat Registratur J. Muscat.

- *a fol.* 24 *et seq.*: Traskrizzjonijiet tax-xhieda li xehdu fis-seduta tat-3 ta' Frar 2006.

Illi, kif diga nghad hawn fuq, ma tezisti l-ebda data fuq l-ezami imsemmi (*a fol.* 11 u 12) taz-zewg persuni msemmija hawn fuq. Apparti minn dan, minkejja li l-ezami imsemmi jikkontjeni fih, fost l-ohrajn, il-firma tal-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Miriam Hayman, l-ezami jikkontjeni firma ta' dik li <u>tidher</u> bhala B. Mifsud (id-Deputat Registratur li kienet ghal zmien twil assenjata mal-Magistrat imsemmija). Giet intuzata l-kelma "tidher" peress li ma gie nkarigat hadd biex jezamina jekk il-firma hijiex taghha, pero' jidher bic-car (u dana minghajr bzonn ta' l-ebda hiela professjonali) li l-firma li tidher fuq il-kelma "Skrivan" *a fol.* 11 u 12 hija simili **<u>hafna</u>** ghal dik ta' B. Mifsud li tinsab, fost l-ohrajn, *a fol.* 13, 17 u 19 u hija kompletament differenti minn dik li tidher fil-verbal tat-3 ta' Frar 2006 (*a fol.* 23) f'liema verbal jinghad li sar l-interrogatorju tal-imputati, liema verbal huwa ffirmat minn J. Muscat bhala Deputat Registratur u liema firma hija simili hafna ghal dik li tidher fuq il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Novembru 2006 (*a fol.* 87).

Illi, qabel il-Qorti tghaddi sabiex taghmel riferenza ghal dak li huwa rikjesta li jsir skond il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li hija ghandha **<u>d-dubji</u>** taghha jekk l-ezami taz-zewg imputati fil-proceduri odjerni effettivament kienx sar jew le. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet, fosthom:

- l-ezami taz-zewg persuni (*a fol.* 11 u 12) ma ghandu l-ebda data u fuqu ghandu l-firma ta' B. Mifsud;

  u

- il-verbal fejn inghad li sar l-ezami taz-zewg persuni (*a fol.* 22 *et seq.*), apparti li jinsab aktar wara fil-process, huwa ffirmat minn J. Muscat.

Illi l-Qorti tistaqsi: jekk il-verbal fejn inghad li sar l-interrogatorju *ossia* l-ezami taz-zewg imputati huwa ffirmat minn J. Muscat, ghala l-ezami in kwistjoni gie ffirmat minn B. Mifsud? Il-Qorti hija konxja tal-fatt li m'hijiex l-ewwel darba li dokument ma jigix inserit fejn suppost fi processi li jkunu ilhom ghaddejjin is-snin u fejn ikun hemm hafna idejn ta' skrivana u Deputati Registraturi nvoluti. Minkejja li dokument ghandu **<u>dejjem</u>** jigi nserit fejn suppost, pero' fil-kaz odjern, ma jirrizultax li dan kien il-kaz, cioé ma kienx il-kaz li l-ezami gie nserit hazin u dana peress li n-numri tal-pagni in kwistjoni ma gie qatt korrett (kif gie li jigri) u peress li kienu ghaddew diversi xhur minn fejn hemm inseriti l-ezami taz-zewg persuni in kwistjoni u l-verbal fejn jinghad li kien sar dan l-ezami. Dan qieghed jinghad peress li l-verbal ta' wara l-ezami ghandu d-data 19 ta' Novembru 2004 (*a fol.* 13) u l-verbal fejn inghad li sar l-ezami ghandu d-data 3 ta' Frar 2006 (*a fol.* 22 u 23), liema numri tal-pagni, kif diga' nghad, jihder li qatt ma gew korretti.

Illi l-Qorti hija konxja tal-fatt li certu Deputati Registraturi jippreparaw l-ezami tal-imputat f'kawza qabel mal-kawza tinbeda u li dan l-ezami jigi nserit fil-process qabel il-kawza tinbeda (minghajr il-firma tal-Magistrat, liema firma ssir meta effettivament isir l-ezami tal-imputat), u filwaqt li tifhem li dan isir biex ma jintilifx hin fis-seduta partikolari hekk kif l-imputazzjonijiet jigu moqrija bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur u b'hekk ikun irid isir l-ezami tal-imputat, pero' dan ma ghandu **<u>QATT</u>** ikun. Il-Qorti b'hekk *<u>tista'</u>* taghraf ir-raguni ghala l-ezami taz-zewg imputati li jinsab inseriet u ffirmat minn B. Mifsud jinsab ferm qabel il-verbal fejn jinghad li sar l-ezami taghhom, liema verbal huwa ffirmat minn Deputat Registratur iehor, pero' jibqa' l-fatt li l-ezami in kwistjoni taz-zewg imputati ma ghandu l-ebda data u huwa ffirmat minn Deputat Registratur differenti minn dak li ffirma l-verbal in kwistjoni! Kieku ghall-grazzja tal-argument, l-ezami ffirmat minn B. Mifsud gie ffirmat ukoll minn J. Muscat u kieku tnizzlet id-data tat-3 ta' Frar 2006 fuq l-ezami taz-zewg imputati (minkejja li l-ezami

in kwistjoni jkunu jinsabu qabel il-verbal fejn inghad li kien sar l-ezami tal-imputati) kieku s-sitwazzjoni kienet tkun ferm u ferm differenti.

Illi ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument **BISS**, l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati kienu jirrigwardaw kontravenzjonijiet, delitti, jew reati li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati *ai termini* ta' Artikolu 370 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kieku s-sitwazzjoni kienet tkun differenti wkoll, pero' minkejja li mis-sena 2004 (u cioé meta gew intavolati l-proceduri odjerni) sallum il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati giet estiza, tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna, illum il-gurnata ghadu xorta wahda necessarju li jsir l-ezami tal-imputat ghall-dawn l-imputazzjonijiet.

Illi Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b), jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkużat huwa wieħed li għalih hemm piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar minn sentejn iżda mhux aktar minn sitt snin, il-Qorti għandha, waqt l-eżami tal-akkużat skont l-Artikolu 392 iżda qabel ma jiġi eżaminat skont is-subartikolu (l)(b) ta' dak l-artikolu, tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja; u l-Qorti għandha tagħtih żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.
>
> (b) Jekk, matul l-imsemmi żmien, l-akkużat iwieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha tistaqsi lill-Uffiċjal Prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, u jekk ma ssir ebda oġġezzjoni, il-Qorti għandha tinnota dan il-fatt fil-proċess u malli tagħmel hekk il-Qorti tkun kompetentili titratta l-każ tal-akkużat u għandha tipproċedi skont hekk:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li żżomm lill-Qorti milli tipproċedi bil-kompilazzjoni meħtieġa jekk mill-provi jkun jidher li sar delitt li jaqbeż il-kompetenza tagħha".

Illi Artikolu 390(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

"Il-Qorti tisma' r-rapport bil-ġurament tal-uffiċjali tal-Pulizija, **teżamina**, bla ġurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu r-rapport. Kollox għandu jitniżżel bil-miktub" [emfazi mizjuda],

Illi Artikolu 392(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi s-segwenti:

"L-eżami tal-imputat, imsemmi fl-Artikolu 390(1), isir, bla theddid jew twegħid, u bla ġurament, kif sejjer jingħad hawn:

(a) il-Qorti tistaqsih ismu u kunjomu, kemm-il sena għandu, fejn twieled u fejn joqgħod, is-sengħa, professjoni jew stat ieħor tiegħu, l-isem u kunjom tal-ġenituri, u jekk humiex ħajjin jew mejtin;

(b) il-Qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-akkuża".

Illi l-importanza *ad validatem* ta' l-ezami tal-imputati fir-rigward ta' l-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta minn dak predispost fl-Artikolu 597 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

"L-Att tal-Akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li, minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'il quddiem fuq dak l-istess Att ta' Akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti **fin-nuqqas għal kollox**

> tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew **tal-eżami tal-imputat** jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li l-imputat għandu jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża, inkella fir-rifjut tal-Qorti Istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul skont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova". [emfazi mizjuda]

B'hekk is-sub-Artikolu appena citat jipprospetta l-possibilita' li Att ta' Akkuza jigi attakkat meta jkun hemm difett li jkun jikkonsisti fin-nuqqas tar-rapport tal-Pulizija, fin-nuqqas ta' l-ezami tal-imputat, jew fin-nuqqas tad-decizjoni li l-imputat ghandu jitqieghed taht Att ta' Akkuza.

Illi l-eccezzjonijiet bbazati fuq din id-dispozizzjoni tal-Ligi huma sollevabbli *ex officio* tant li l-Qorti Kriminali hekk ghamlet fis-sentenza taghha moghtija fit-13 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et**. Permezz tas-sentenza moghtija f'dik il-kawza l-Qorti Kriminali kkonkludiet li d-difetti msemmija f'Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk ippruvati, jgibu n-nullita' ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u kwindi ta' l-Att tal-Akkuza.

Illi l-Qorti hija konxja tal-fatt ta' dak li jirrikjedi Artikolu 395 tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "L-ezami tax-xhieda u tal-imputat ghandu jigi ffirmat mill-Magistrat".

Illi fil-kaz odjern il-kwistjoni mhijiex jekk l-ezami tal-imputati giex iffirmat mill-Magistrat pero' il-kwistjoni hija jekk dan effettivament qattx sar u dana ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq u dan minkejja li fil-verbal tat-3 ta' Frar 2006 hemm imnizzel li sar.

Illi l-Qorti kif preseduta ma kinitx ghadha qed tisma' l-kawza fis-sena 2006, tant li din il-kawza giet assenjata lilha fis-sena 2015, u b'hekk ma tafx assolutament x'gara dakinhar tas-sena 2006. Il-Qorti

kif preseduta setghet b'xi mod jew iehor tipprova tivverifika jekk hux minnu li l-ezami taz-zewg imputati sarx kieku staqsiet lill-Ufficjal Prosekutur u lill-avukat difensur taz-zewg imputati u f'kaz ta' risposta affermattiva kien jigi verbalizzat hekk quddiem din il-Qorti kif preseduta u b'hekk il-Qorti kif preseduta kien ikollha s-serhan tal-mohh u s-serenita' tkun taf li l-ezami li tant huwa necessarju li jsir skond il-Ligi effettivament sar. Pero' mhux talli ghadda hafna zmien minn dakinhar li nghad li sar l-ezami, talli l-Ufficjal Prosekutur li ntavola l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati tbiddel minn dakinhar sallum (ghal darba, darbtejn) u talli l-konsulent legali tal-imputati tbiddel ukoll!

Illi tant huwa importanti li jsir l-ezami tal-imputati li fil-kawza msemmija hawn fuq, u cioé dik fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et**, il-Qorti Kriminali ekwiparat in-nuqqas tal-firma tal-Magistrat fuq l-ezami ta' l-imputat man-nuqqas ta' l-ezami stess. Huwa minnu li fil-kawza msemmija kien hemm nuqqas tal-firma tal-Magistrat pero' fl-istess waqt mis-sentenza kwotata jirrizulta li ladarba kien hemm nuqqas ta' firma tal-Magistrat fuq l-ezami dan kien ekwiparat ma' nuqqas ta' l-ezami stess. Kif inghad hawn fuq, il-Qorti kif preseduta, ghar-ragunijiet imsemmija ghanda d-dubji taghha jekk l-ezami taz-zewg imputati effettivament sarx u dana minkejja li l-atti processwali jikkontjenu l-ezami taghhom.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et** hawn fuq imsemmija, il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "Illi l-Artikolu 395 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-ezami tax-xhieda u tal-imputat ghandu jigi ffirmat mill-Magistrat.
>
> Bhala fatti, kif jidher mil-*folios* 33 sa 38 Vol. I, tal-Istruttorja, l-formoli sterjotipati li jirrigwardaw l-ezami tas-sitt akkuzati li ntlew bil-linka u jgibu d-data ttimbrata tal-21 ta' Lulju 2001 u timbru iehor bl-isem tal-Magistrat Dr. Joseph Cassar B.A., LL.D., huma ffirmati *in calce* biss minn persuna li ffirmat isimha fuq l-istampat tal-formula "Skrivan". Invece fuq l-istampat tal-kelma "Magistrat" ma

hemmx il-firma tal-Magistrat kif *del resto* imkien iehor fuq dawn is-sitt folji ma hemm il-firma tal-imsemmi Magistrat.

Issa huwa pacifiku fil-gurisprudenza in materia li l-ezami tal-imputat ghandu jigi firmat mill-Magistrat Istruttur u li minghajr dik il-firma, l-ezami tal-imputat huwa null, u ghalhekk hija nulla l-istruttorja u huwa ukoll null l-Att ta' l-Akkuza bazat fuq dik l-istruttorja (ara **"Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. Antonio Sammut"** Qorti Kriminali – Kolleggjali [12.1.1953]; **"Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. George Pulo"**; Qorti Kriminali, [ 2.2.1953] konfermata mill-Qorti Kriminali – Kolleggjali b'sentenza tat-12 ta' Jannar 1953, u **"Il-Maesta' Taghha r-Regina vs. Carmelo Refalo"** (Qorti ta' l-Appell Kriminali – [ 12.2.1975] fejn gew citati z-zewg sentenzi precedenti u ntqal li fihom – fejn kien hemm in-nuqqas effettiv u totali tal-firma tal-Magistrat – referibbilment ghall-ezami tal-imputat, dan huwa ekwiparabbli ghan-nuqqas tal-ezami stess. <u>Fejn kien hemm in-nuqqas tal-ezami tal-imputat fl-istruttorja, l-Att ta' l-Akkuza bazat fuq l-istess istruttorja dejjem gie annullat</u> (ara **"Sua Maesta' la Regina vs. Giuseppe Formosa"** (Qorti Kriminali – Kolleggjali [23.2.1900] u **"Sua Maesta' la Regina vs. F.S. Decesare"** [30.3.1898] u ohrajn.)

Illi mbaghad skond l-Artikolu 597(4) (gja 591(4)) tal-istess Kodici Kriminali, hemm lok ghall-impunjazzjoni tal-Att ta' l-Akkuza minhabba difett fl-attijiet tal-kumpilazzjoni, <u>meta *inter alia* dan id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox ta' l-ezami tal-imputat</u>. U kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali – Kolleggjali fis-sentenza ta' Pulo appena citata: *"ezami "mhux firmat" ghandu jigi logikament ekwiparat ghall-ezami "nieqes ghal kollox"*, ghaliex altrimenti ma kienx ikun hemm sens li tigi mposta l-formalita' tal-firma."

Ghalhekk din il-Qorti, rinfaccata bin-nuqqas ta' firma tal-Magistrat Istuttur fuq kull wahda mill-folji li jirrigwardaw l-ezami tas-sitt akkuzati, ma tistax hlief tiddikjara l-att tal-kumpilazzjoni nulli, ghaliex hu null l-ezami tal-akkuzati u

> kwindi tiddikjara ukoll null l-Att ta' l-Akkuza odjern bhala null u bla effett fil-konfront tas-sitt akkuzati, *stante* li kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza **"Regina vs. G. Pulo"** fuq citata, din l-eccezzjoni hi wkoll sollevabbli mill-Qorti *"ex ufficio"*. In vista ta' din id-decizjoni, mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tinvesti l-eccezzjonijiet l-ohra li taw id-diversi akkuzati u li ma gewx ceduti u rtirati kif fuq intqal". [emfazi mizjuda]

Illi, ghal kull buon fini, ghandu jinghad li minkejja li s-sentenza kwotata hawn fuq taghmel riferenza ghal Qorti Istruttorja u allura ghall-ezami ta' l-imputat f'proceduri struttorji, l-istess principju ghandu japplika ghall-proceduri odjerni li nstemghu minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali *ai termini* ta' Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu gie kwotat aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Illi jinghad ukoll li l-proceduri odjerni bdew quddiem din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja tant li permezz tac-citazzjoni l-imputati gew ordnati jidhru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (*a fol.* 3). Ikun biss wara li jsir l-ezami tal-imputati *ai termini* ta' Artikoli 390 u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (dispozizzjonijiet li jirregolaw il-procedura quddiem il-Qorti Istruttorja) u l-Ufficjal Prosekutur ikun wiegeb li huwa ghandu l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-imputat ikun iddikjara n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu, li l-Qorti tkun tista' tikkonverti f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tipprocedi sommarjament, u dana b'applikazzjoni ta' Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' l-ezami li jsir huwa dejjem *ai termini* ta' Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt Artikolu 370(4) tal-Kapitolu msemmi jaghmel riferenza ghall-ezami tal-imputat li ghandu jsir skond l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ezami huwa rikjest li jsir skond Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u huwa regolat bid-dispozizzjonijiet sussegwenti.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq u b'applikazzjoni tal-principji li gwidaw il-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq kwotata

ghall-kaz in ezami, minkejja li fil-kawza odjerna c-cirkostanzi huma kemmxejn differenti, pero' il-fatt li l-Qorti kif preseduta **m'hijiex** konvinta u serena jekk kienx effettivament sar l-ezami tal-imputati, b'hekk din il-Qorti **ma tistax** tikkonkludi li dan sar (u dana qed jinghad ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq) u b'hekk in-nuqqas tal-fatt li ma sarx l-ezami tal-imputati iwassal ghan-nullita' tal-atti sussegwenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara l-atti processwali nulli u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**